

2.3.2016

A8-0023/149

Emenda 149
Jacqueline Foster
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Knut Fleckenstein

A8-0023/2016

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14 a) Filwaqt li l-obbligi ta' servizz pubbliku jiġu definiti u magħżula mill-awtoritajiet nazzjonali, obbligu ġenerali stabbilit b'leġiżlazzjoni nazzjonali jew Ewropea biex port jaċċetta kwalunkwe bastiment li jkun fiżikament kapaċi jidħol u jirmiġġa mingħajr diskriminazzjoni jew ostakoli ma għandhiex tinftiehem bħala obbligu ta' servizz pubbliku għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dazju tal-portijiet miftuħa li jeħtieġu li l-portijiet jaċċettaw bastimenti li jistgħu fiżikament jidħlu u jħallsu taxxi tal-port m'għandhomx jitqiesu bħala obbligu ta' servizz pubbliku kif normalment miftiehem, jiġifieri fejn il-gvern nazzjonali jew reġjonali jħallas l-operatur biex jipprovdi servizz mhux kummerċjali b'mod ieħor.

AM\1088495MT.doc

PE576.667v01-00

2.3.2016

A8-0023/150

Emenda 150
Jacqueline Foster
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Knut Fleckenstein

A8-0023/2016

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi **kollha** tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif **definiti** fl-Anness **I** tar-Regolament **XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]**.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif **elenkati** fl-Anness **II** tar-Regolament **(UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn il-korp maniġerjali tal-port huwa Stat, awtorità reġjonali jew lokali, korp irregolat mil-liġi pubblika jew assoċjazzjoni maħluqa minn awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolat mil-liġi pubblika.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politika pubblika u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu japplika fl-istess ċirkostanzi tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-Akkwist Pubbliku għall-awtoritajiet kontraenti li jfittxu li jakkwistaw provvisti, servizzi u xogħlijiet. Dan l-approċċ ikun konsistenti ma' ħafna mudelli differenti ta' operazzjonijiet tal-port, inklużi s-settur privat tal-portijiet li jeżistu fl-Unjoni Ewropea.

2.3.2016

A8-0023/151

Emenda 151
Jacqueline Foster
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Knut Fleckenstein

A8-0023/2016

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b a) fejn ġie stabbilit skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE li settur jew sottosettur ta' port fi Stat Membru jwettaq attività li hija direttament esposta għall-kompetizzjoni f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. F'dan il-każ, il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni tas-suq kompetittiv prevista fil-kuntest tad-Direttiva tal-utilitajiet u l-konċessjonijiet għandha tapplika ugwalment għal regolamenti komparabbli oħra dwar l-akkwist. Ir-raġuni għal dan hija li industrija għal kollox kompetittiva għandha tkun ħielsa li takkwista oġġetti u servizzi b'mod kummerċjali, billi d-Direttivi huma mmirati lejn l-akkwist tal-ġhoti ta' beni pubbliċi fejn ma japplikawx id-dixxiplini kompetittivi.

2.3.2016

A8-0023/152

Emenda 152
Jacqueline Foster
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Knut Fleckenstein

A8-0023/2016

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li portijiet minn tagħhom li jagħmlu parti min-netwerk komprensiv li ma jissodisfawx il-kriterji tal-punt (b) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jistgħu jillimitaw l-għadd ta' fornituri ta' servizz għal servizz portwarju speċifiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità regulatorja, portijiet iżgħar joffru inqas opportunitajiet għall-fornituri ta' aktar minn servizz wieħed.

2.3.2016

A8-0023/153

Emenda 153
Jacqueline Foster
f'isem il-Grupp ECR

Rapport
Knut Fleckenstein

A8-0023/2016

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-operatur intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port(*ijiet*) fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.

3. *Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1), bl-eċċezzjoni tal-punt (ba)*, l-operatur intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port *jew portijiet* fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni tas-suq kompetittiv prevista fil-kuntest tad-Direttiva tal-utilitajiet u l-konċessjonijiet għandha tapplika ugwalment għal regolamenti komparabbli oħra dwar l-akkwist. Ir-raġuni għal dan hija li industrija għal kollox kompetittiva għandha tkun ħielsa li takkwista oġġetti u servizzi b'mod kummerċjali, billi d-Direttivi huma mmirati lejn l-akkwist tal-għoti ta' beni pubbliċi fejn ma japplikawx id-dixxiplini kompetittivi.